MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Numru. 413/2002

**Il-Pulizija**
**(Sp. Joseph Cordina)**

**v**

**Carmel Borg ta' 56 sena**
**iben John u l-mejta Tessie nee Storace,**
**mwieled Valletta fil-5 ta' April, 1945,**
**u residenti f'38 Flat 7, Sawmill Street,**
**Msida, detentur tal-karta tal-identita'**
**bin-numru 367445 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Carmel Borg li gie akkuzat talli fil-31 ta' Ottubru, 1999, u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tla-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, wara li fil-kapacita' tieghu ta' Direttur tas-socjeta' M & C Company Limited (Company No: C 14219) approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' Lm 3561.71 migbura mis-socjeta' bhala dhul f'taxxa dovuta lill-Gvern ta' Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz taghha. Dan bi ksur ta' l-artikolu 18, 293, 294 u 310 (1)(a) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat in-nuqqas ta' oggezzjoni ta' l-imputat ghal proceduri sommarji.

Rat li l-imputat wiegeb li mhux hati.

Rat il-provi prodotti minn fejn irrizulta li fil-fatt illum l-akkuzat hallas il-pendenzi kollha li kellu mad-Dipartiment tal-VAT vide xhieda ta' Paul Scicluna u l-ahhar verbal.

Rat l-istqarrija ta' l-akkuzat.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi mix-xhieda prodotti anke jekk fil-minimu ssib lill-akkuzat hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu wara li rat l-artiklu 293, 294, 310 tal-Kapitlu 9.

Dwar il-piena rat il-fedina penali pero' ebda sentenza ma giet esebita f'dan ir-rigward. Ghaldaqstant in vista ta' hekk, in vista tal-fatt li l-akkuzat illum hallas dak kollu dovut lid-Dipartiment tal-VAT qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor ghal tliet snin mil-llum u dan wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------